MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 400/2005

**Michael Attard Holdings Ltd gia Michael Attard Ltd**

**Vs**

**Quality Group (Malta) Limited gia Quality Turnkey Contractors Co Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm858 (tmien mija tmienja u hamsin Lira Maltin) dovuti ghal import ta’ tmien (8) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-2 ta' Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-4 ta' Lulju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------